# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR172666, Press Release Issue Date: Nov 24, 2017

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika jixtieq jinforma lill-pubbliku li wara informazzjoni li rċieva dan id-direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (*Rapid Alert System for Food and Feed*), il-prodott imsemmi m'għandux jiġi kkunsmat minħabba l-possibilità ta' **livelli għoljin ta' Aflatossina** fil-konsenja in kwestjoni.

| | |
|---|---|
| **Isem tal-prodott:** | Pistaċċi nejjin mingħajr qoxra |
| **Deskrizzjoni tal-maħfen:** | Borża tal-plastik |
| **Ditta:** | Emy |
| **Lottijiet u dati tad-Durabbiltà:** | Lott 7406 bid-data tad-durabbiltà 31/01/2019<br><br>Lott 7682 bid-data tad-durabbiltà 31/03/2019 |

Il-kumpanija involuta ddikjarat li parti mill-konsenja laħqet inbiegħet, għaldaqstant id-Direttorat hu obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat *email* fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku hu ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.